DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/149

tas-17 ta' Novembru 2020

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.50707 2019/C (ex 2018/FC) — Spanja — tiġdid tal-flotta ta' Air Nostrum

(notifikata bid-dokument C(2020) 7913)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Billi,

1. PROĊEDURA

(1) Fis-26 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet ilment minn Ryanair li jallega li l-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja kien ta għajnuna illegali mill-Istat lill-kumpanija tal-ajru reġjonali Spanjola Air Nostrum Líneas Aéreas del Mediterráneo SA ("Air Nostrum") b'rabta mat-tiġdid tal-flotta tagħha. Dan l-ilment ġie rreġistrat bin-numru tal-Każ SA.50707 (2018/FC).

(2) Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni infurmat lil Spanja li rċeviet ilment dwar l-allegata għajnuna mill-Istat mogħtija lil Air Nostrum. Spanja bagħtet il-kummenti tagħha fit-18 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali permezz ta' żewġ talbiet mibgħuta fil-11 ta' Ġunju 2018 u fit-3 ta' Ottubru 2018, li Spanja wieġbet għalihom fis-27 ta' Lulju 2018 u fis-27 ta' Diċembru 2018 rispettivament. Fit-8 ta' April 2019, il-Kummissjoni staqsiet lil Spanja jekk l-għajnuna mogħtija għall-2018 kinitx diġà tħallset sadanittant. Fl-ittra tiegħu tas-26 ta' April 2019, il-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja indika li l-allegata għajnuna ma kinitx tħallset. Fit-2 ta' Lulju 2019, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu ma' tliet rappreżentanti tal-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja. Fis-26 ta' Lulju 2019, Spanja ppreżentat informazzjoni addizzjonali dwar l-allegata miżura ta' għajnuna.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2019 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2019"), il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet irreġistrata bin-numru tal-Każ SA.50707 (2019/C).

(4) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-2019 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-20 ta' Diċembru 2019 ([1]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

(5) Fis-26 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Spanja dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2019. Fit-13 ta' Jannar 2020 u fit-3 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn terzi persuni, jiġifieri Ryanair u Air Nostrum rispettivament. Fil-11 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni addizzjonali lil Air Nostrum dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-2019 waqt sejħa mar-rappreżentanti legali tagħha. Fit-30 ta' April 2020, Spanja wieġbet għall-kummenti ta' Ryanair.

(6) Permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Lulju 2020, Air Nostrum infurmat lill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja bid-deċiżjoni tagħha li tirrinunzja għall-għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tagħha. Permezz ta' ittra bid-data tas-7 ta' Awwissu 2020, Spanja infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni b'din ir-rinunzja u bl-aċċettazzjoni tagħha mill-awtoritajiet Spanjoli. Fl-ittra tagħha tas-7 ta' Awwissu 2020, Spanja enfasizzat li l-għajnuna qatt ma kienet tħallset.

([1]) ĠU C 429, 20.12.2019, p. 4

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

2.1. Sfond għall-investigazzjoni u l-benefiċjarju

(7) Air Nostrum hija linja tal-ajru bbażata f'Valencia, b'madwar 1 400 impjegat fil-Komunità Awtonoma ta' Valenzja u b'fatturat annwali ta' aktar minn EUR 400 miljun. Air Nostrum hija r-raba' l-akbar linja tal-ajru f'Valenzja u l-akbar kumpanija reġjonali tal-avjazzjoni ċivili fi Spanja, li topera bl-isem Iberia Regional Air Nostrum.

(8) Fl-2019, kważi żewġ terzi tal-flotta ta' Air Nostrum kienu jikkonsistu mill-aktar ajruplani reċenti, il-Bombardier CRJ-1000. Matul il-perjodu 2009-2019, seħħew diversi estensjonijiet tal-flotta ta' Air Nostrum u l-kompożizzjoni tagħha nbidlet b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-għadd ta' mudelli ta' ajruplani qodma (b'mod partikolari l-mudelli CRJ-200 u CRJ-900) u s-sostituzzjoni tagħhom bl-aktar ajruplani ġodda, is-CRJ-1000. L-ewwel żewġ mudelli ta' CRJ-1000 ġew miżjuda mal-flotta ta' Air Nostrum fl-2010. Fi tmiem l-2012, il-flotta diġà kienet tinkludi 10 ajruplani CRJ-1000. Fl-2016, fl-2017 u fl-2018 ġew miżjuda mal-flotta ta' Air Nostrum aktar ajruplani CRJ-1000.

2.2. Għajnuna potenzjali mill-Istat favur Air Nostrum

(9) Fid-9 ta' Marzu 2017, Air Nostrum bagħtet ittra lill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja fejn infurmatu dwar il-pjanijiet ta' investiment tagħha biex tespandi u ġġedded il-flotta tagħha u titlob appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' ajruplani ġodda u aktar ekoloġiċi. Air Nostrum ippreżentat applikazzjoni għall-għajnuna għal għotja li ma titħallasx lura sa EUR 15-il miljun.

(10) Il-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia ddeċieda li jappoġġa finanzjarjament il-programm ta' tiġdid tal-flotta ta' Air Nostrum permezz ta' għotja diretta sa EUR 9 miljun għall-akkwist ta' 10 ajruplani CRJ-1000, mifruxa fuq tliet snin (l-2018, l-2019 u l-2020). Skont Spanja, il-pjanijiet ta' investiment ta' Air Nostrum jidħlu fl-aġenda tal-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja biex jagħtu spinta lill-ekonomija u jtejbu l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun ([2]).

(11) L-għajnuna ngħatat għall-2018 u l-2019. Il-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia inkluda fil-baġits tal-2018 u tal-2019 linja ta' sussidju nominattiv ta' EUR 3 miljun fis-sena favur Air Nostrum. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja u Air Nostrum (kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni Spanjola dwar l-għotjiet ta' investiment dirett) ġew iffirmati fil-25 ta' Ottubru 2018 u fil-31 ta' Mejju 2019. Il-ħlas tal-għajnuna għas-snin l-2018 u l-2019 għadu ma sarx, kif ikkonfermat mill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia (ara l-premessa (6)).

3. TUL TA' ŻMIEN TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA

(12) Permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Lulju 2020, Air Nostrum infurmat lill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja dwar il-pjanijiet ta' investiment emendati tagħha fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19. Air Nostrum irrinunzjat għall-għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tagħha, mogħtija mill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia permezz tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-2018 u l-2019 bejn il-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja u Air Nostrum.

(13) B'deċiżjoni tal-5 ta' Awwissu 2020, il-Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Mudell Ekonomiku ta' Valencia approva r-rinunzja ta' Air Nostrum għall-għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tagħha.

(14) Fid-dawl tar-rinunzja tal-għajnuna minn Air Nostrum fil-31 ta' Lulju 2020, aċċettata mill-Gvern tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja, Spanja infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-revoka tal-miżura ta' għajnuna u n-nuqqas ta' ħlas tal-għajnuna fis-7 ta' Awwissu 2020 (ara l-premessa (6)). B'riżultat ta' dan, il-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa fir-rigward tal-miżura ta' għajnuna, li tammonta għal EUR 9 miljun, ma għadx għandha skop.

([2]) Il-Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Mudell Ekonomiku ta' Valencia adotta "Pjan ta' Azzjoni għat-trasformazzjoni tal-mudell ekonomiku ta' Valencia 2017-2027" u Pjan Strateġiku ta' Għotja għall-2018-2020, li l-objettiv strateġiku tiegħu huwa li "jippromwovi l-bidla lejn mudell ekonomiku bbażat fuq l-għarfien, l-innovazzjoni u l-ftuħ għad-dinja esterna", bil-prinċipji ta' "sostenibbiltà ambjentali, tal-manifattura u soċjali".

4. **KONKLUŻJONI**

(15) Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE ma għadx għandha skop minħabba r-rinunzja tal-għajnuna minn Air Nostrum fil-31 ta' Lulju 2020 u r-revoka tal-miżura ta' għajnuna minn Spanja u għandha tintemm.

ADOTTA D-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali mibdija fit-28 ta' Ottubru 2019 skont l-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-għajnuna mogħtija minn Spanja lil Air Nostrum ma għadx għandha skop u ngħalqet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni